# Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imħallef Giovanni M Grixti LL.M., LL.D

Appell Nru. 122/2017

**Il-Pulizija**

**vs**

**Fabio Psaila**

Seduta tat-28 ta' Marzu, 2019

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra l-appellant, Fabio Psaila, detentur tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 318874M quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali talli għax-xhur ta' Ġunju, Lulju u Awwissu 2016, fil-Ġzejjer Maltin, b'diversi atti magħmulin minnu, wkoll jekk fi żminijiet differenti, kisru l-istess disposizzjoni tal-liġi u ġew magħmula b'rizoluzzjoni waħda, dawn l-atti jitqiesu bħala reat wieħed imsejjaħ reat kontinwat, naqas li jagħti lil Isabelle Mercieca s-somma ta' €140, ffissata minn dik il-Qorti jew stipulata fil-kuntratt bħala manteniment għal uliedu u/jew martu, fi żmien

ħmistax-il jum minn dak il-jum li fih, skond ordni jew dak il-kuntratt kellha titħallas is-somma;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, tat-8 ta' Marzu, 2017 li biha sabet lill-imputat ħati tal-imputazzjoni dedotta kontra tieghu u ikkundannatu għal tlitt(3) xhur priġunerija;

Rat ir-rikors tal-appellant, ppreżentat fir-reġistru ta' din il-Qorti fl-20 ta' Marzu, 2017, li bih talab lil din il-Qorti **tirrevoka,** tħassar u tannulla s-sentenza tat-8 ta' Marzu, 2017 mogħtija mill-Onorabbli Qorti tal-Maġistrati u tillibera lill-esponent minn kull ħtija u piena skond il-Liġi;

Rat l-aggravji tal-appellant;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Ikkunsidrat:

1. Illi fl-udjenza tal-lum, wara li l-appellant talab is-sospensjoni tal-prolazzjoni tas-sentenza li kienet mhollija ghal-lum, talab ukoll illi fit-termini tal-artikolu 520 tal-Kodici Kriminali li jaghmel applikabbli l-artikolu 143(4),(5) u (6) tal-Kapitolu 12 it-talba tieghu ghar-revoka tas-sentenza tkun takkludi t-talba ghar-riforma taghha;
2. Illi din il-Qorti laqghet it-talba u l-istess appellant irtira l-aggravji tieghu dwar it-thassir tas-sentenza;

3. Illi ukoll fl-udjenza tal-lum, l-Qorti rat in-nota kongunta tal-partijiet li biha ddikjaraw illi l-manteniment mertu tal-kawza llum huwa saldat. B'hekk il-parte civile ma ghadx ghandha aktar pretensjonijiet kontra l-appellant;

4. Illi konsegwentement ikun inutili li din il-Qorti tinoltra fl-aggravju rigwardanti t-thassir tas-sentenza appellata u ghalhekk ser tghaddi biex tikkunsidra t-talba ghar-riforma taghha igifieri dwar il-piena kominata mill-ewwel Qorti;

5. Issa, kif inhu ben stabbilit minn din il-Qorti, meta si tratta ta' piena ma huwiex normali li din tissostitwixxi d-diskrezzjoni ezercitata mill-ewwel Qorti sakemm ma jkun hemm xejn x'jiddimostra li dik il-piena ma kienitx fil-parametri tal-ligi. Madanakollu l-iskop tal-leġislatur kif espress fl-artikolu 338(z) tal-Kodiċi Kriminali intlaħaq proprju bid-dikjarazzjoni ta' ħlas tal-ammont kollu dovut;

7. Għal dawn il-motivi, , din il-Qorti, filwaqt illi tastjeni milli tiehu konjizzjoni tal-ewwel talba ghat-thassir tas-sentenza, u f'dawn iċ-ċirkostanzi biss qed tilqa' t-tieni talba u għalhekk tagħżel illi tirriforma s-sentenza appellata billi filwaqt illi tikkonfermaha f'dik il-parti li biha sabet lill appellant ħati tal-imputazzjoni dedotta kontra tieghu tirrevokaha f'dik il-parti fejn ikkundannatu għal-terminu ta' tliet (3) xhur priġunerija u minflok tikkundannah għal-twiddiba.